Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

Data tal-laqgħa: 15 ta` Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fl-4.05pm)
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

56.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 54 u ta` Laqgħa Urġenti Numru 55

56.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Erbgħa u Ħamsin Laqgħa u tal-Ħamsu u Ħamsin Laqgħa Urġenti. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

56.2.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 56.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

56.3.1 Para 55.1 – Skeda Ġbir ta` Skart
Is-SE infurmat lill-Kunsill lid-Dipartiment għall-Ambjent u l-Bidla fil-Klima infrumawna li, l-ġbir ta` skart imħallat ma jistax jinġabar nhar ta` Tnejn, qabel ma ssir l-emenda tal-iskeda fil-Liġi. Il-Kunsill ser jiġi nfurmat, hekk kif din l-emenda tiġi ppreżentata u approvata mill-Parlament.

**F`dan il-ħin (4.05pm) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-laqgħa.**

## 56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.4.1.1 Għalqa f`Wesgħa Profs Ġużè` Aquilina
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Ġimgħa 9 ta` Novembru 2018 kellu laqgħa mal-Onor. Silvio Parnis. Is-Sindku ġie nfurmat li l-Gvern ser jibda l-preparamenti biex tinħareġ sejħa għall-offerti biex tiġi żviluppata l-għalqa f`Wesgħa Profs. Ġużè` Aquilina.

56.4.1.2 L-Onor. Parnis talab lill-Kunsill jindika x`tip ta` kunċett il-Kunsill ikun favur. Is-Sindku nfurmah li dik l-għalqa tista` tiġi żviluppata għal skopijiet soċjali biss li jinkludu dar tal-anzjani, sptar speċjalizzat b`kura għall-anzjani, berġa, *day centre*, Ċentru Ċiviku, u li jinkludi parkeġġ taħt l-art. Il-Kunsill jeskludi li l-art tinbena f`*Housing Estate*. Is-Sindku talbu li, min ser jiżviluppa l-art, għandu jipprovdi spazju għall-uffiċċju tal-Kunsill biex ma jibqgħax jikri minn għand il-privat.

56.4.1.3 Is-Sindku talab lill-Onor. Parnis, biex il-Kunsill jiġi kkonsultat qabel tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

56.4.2 Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2019
Is-Sindku nfurma lill-Kunsill, li l-bieraħ 14 ta` Novembru 2018 flimkien mas-SE attendew għal Konferenza Stampa dwar l-Allokazzjoni Finanzjara għas-sena 2019, fejn ġejna nfurmati li kull Kunsill ser ikollu żieda ta` ftit iktar minn 5% fuq l-allokazzjoni tas-sena 2018. L-Allokazzjoni ddettaljata ser tintbagħat fil-ġranet li ġejjin.

## 56.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.5.1 Il-Viċi Sindku Andre` Grech staqsa jekk nistgħux inżidu ġabra oħra ta` skart riċiklabbli għax diversi residenti qed jilmetaw li darba fil-ġimgħa mhux biżżejjed.

56.5.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li, l-kuntratt preżenti jagħlaq fi Frar 2019 u għalhekk tista` tinkludi ġabra oħra nhar ta` Ġimgħa fis-sejħa għal konċessjoni għal ġbir ta` skart riċiklabbli, li ser toħroġ dalwaqt. B`hekk fil-kuntratt il-ġdid, skart riċiklabbli jibda jinġabar nhar ta` Tlieta u Ġimgħa.

## 56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

56.6.1 <u>Tender għas-servizz ta` ġbir ta` skart – BLC 06/2018</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għas-servizz ta` ġbir ta` skart – BLC 06/2018. Dan jinkludi kemm ġbir ta` skart imħallat kif ukoll organiku. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

56.6.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li peress li fir-riforma tal-Kunsilli Lokali qed jiġi propost li l-ġbir ta` skart jkun taħt r-resġponsabbilta` tar-Reġjun, dan il-kuntratt se jkun għal sena bil-possibilta` li jiġġedded kull sena sa massimu ta` erba` (4) snin. Is-SE qalet li bil-kuntratt il-ġdid, l-iskart ser jinda jinġabar fid-9.00am min flok fit-8.00am. Is-SE qalet ukoll li minħabba spejjeż relatati ma` dan is-servizz, il-ġbir ta` skart tal-ġnien ser jitneħħa minn nhar ta` Sibt u jibda jinġabar mill-kollettur tal-*Bulky Refuse*.

56.6.3 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

56.6.4 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana
Evalwaturi: Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea.

56.6.5 Il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-uffiċjal eżekuttiv Mariella Casha se joqgħodu *Opening Staff*.

## 56.7 Ingaġġ ta` skrivan fuq bażi *full-time* minflok *part-time*

56.7.1 Is-SE infurmat li minħabba l-volum ta` xogħol amministrattiv li ta` kuljum qed jiżdied, speċjalment xogħol relatat ma` ħruġ ta` permessi, hemm il-ħtieġa li l-Kunsill jinpjega skrivan fuq bażi ta` *full-time* minflok *part-time.*

56.7.2 Is-SE qalet li ċċekjat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn ġie kkonfermat li skond il-liġi, il-Kunsill jista` jimpjega żewġ (2) *full-timers.*

56.7.3 Il-Kunsill unanimament approva u s-SE ser tibda l-proċess biex tinħareġ sejħa interna għal skrivan fuq bażi ta` *full-time* skond ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) u l-Ftehim Kollettiv.

## 56.8 Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF)

56.8.1 B`referenza għall-laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 31 ta` Ottubru 2018, ġewwa l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, fejn għal din il-laqgħa attenda l-Viċi Sindku Andre` Grech, qed jiġi ppreżentat il-ftehim li ġie ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni, l-RSSL u l-CWSEF, rigward il-Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali.

56.8.2 Waqt din il-laqgħa ġie spjegat, li dan il-ftehim mhuwiex impost fuq il-Kunsilli Lokali imma l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun tista` toffri l-assistenza tagħha f` dan ir-rigward lil dawk il-Kunsilli li jiddeċiedu li ma jintrabtux bċdan il-ftehim.

56.8.3 L-iskop ta` dan il-ftehim huwa li jkun hemm uniformita` fis-sistema u anki nissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsill filwaqt li nħarsu l-interessi tal-ħaddiema kkonċernati.

56.8.4 F`dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva li jkun parti minn dan il-ftehim.

## 56.9 Proġett ta` tisbiħ ta` toroq fil-qalba tar-raħal

56.9.1 Is-SE flimkien mal-Viċi Sindku Andre` Grech iltaqgħu mas-Sa Carla Ciscaldi mil-kumpanija EMCS Ltd (maħtura mir-Reġjun Ċentru biex tipprovdi s-servizz ta` espert estern għal taħriġ, sapport, identifikazzjoni ta` opportunitajiet fil-fondi tal-EU). Is-Sa Ciscaldi qalet li bħalissa m`hemmx Fondi Ewropej relatati ma` dan il-proġett disponibbli.

56.9.2 Is-Sa Ciscaldi infurmat ukoll li l-Kunsill jista` japplika mal-*Planning Authority* għal fondi 'Sebbaħ il-Lokal' kif ukoll għad-*Development Planning Funds* għal dan it-tip ta` proġetti u jista` jsir f`fażijiet minflok proġett wieħed. Qalet ukoll li ser tiċċekkja ma` xi entitajiet oħra dwar skemi relatati li jista` jkun hemm miftuħa.

56.9.3 Din il-kwistjoni terġa` tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 56.10 Proġett ta` *embellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

56.10.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li flimkien mas-SE iltaqgħu fuq il-post mal-Perit fejn ġie diskuss dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-proġett kif kien qed jiġi ppjanat kellu jiġi sospiż minħabba kwistjonijet legali relatata mal-proprjetjiet li jisabu f`dik iż-żona peress li l-parti fejn jipparkjaw għadha ġietx esproprjata mill-Gvern.

56.10.2 Għalhekk, is-Sindku qed jissuġġerixxi li tiġi rranġata l-bankina preżenti, u jiġu mqiegħda ħwat bis-siġar u xi bankijiet. Il-Kunsill unanimament qabel.

56.10.3 Ser jiġi ċċekkjat mal-perit x`permessi hemm bżonn.

56.10.4 Sadanittant, il-Kunsill ser jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex titneħħa l-palma li hemm fuq il-bankina u titħawwel fil-bandli.

## 56.11 *Development Planning Funds* u Fondi 'Sebbaħ il-Lokal'

56.11.1 Is-SE infurmat li, il-Kunsill għandu l-ammont ta` €109,152.64c disponibbli mid-DPF u €50,000 mill-Fondi 'Sebbaħ il-Lokal'. Il-Kunsill jista` jibbenefika minn dawn il-fondi billi japplika biex jagħmel proġett relatat.

56.11.2 <u>Development Planning Funds</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li applikazzjonijiet għad-DPF li jidħlu wara l-aħħar tas-sena, mhux se jibqgħu jibbenefikaw minn 100% tal-ispejjeż tal-proġett imma minn 70%, sakemm ma ssirx applikazzjoni bejn żewġ Kunsilli. Dawn il-fondi ser jitfaddlu biex isir il-proġett tal-bandli aktar il`quddiem.

56.11.3.1 <u>Fondi 'Sebbaħ il-Lokal'</u>
Is-Sindku qed jipproponi li bil-fondi 'Sebbaħ il-Lokl' isir proġett ta` tisbiħ f`Wesgħa Profs Aquilina. Is-Sindku qed jipproponi li minflok il-bankina tan-naħa tal-*Bring-in-site* jitħawwlu xi siġar tul it-triq kollha. Ippropona wkoll li mal-ħajt ta` Dar Merħba Bik jitħawwlu xi *creepers* ukoll, u l-konteorituri tal- *Bring-in-site* jitpoġġew man-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsilliera unanimament qablu ma` dan il-proġett, pero` minħabba raġunijiet ta` sigurta` l-ewwel ser nitolbu permess lil Dar Merħba Bik.

56.11.3.2 B`dawn il-fondi ser isir ukoll il-proġett tal-*embellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima msemmi f`*item* 56.10.

**F`dan il-ħin (5.10pm) il-Viċi Sindku Andre` Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 56.12 Attivita` għal żmien il-Milied

56.12.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ltaqa` mas-Sur Castillo minn Leon Promotions dwar l-attivita` tal-Milied. Is-Sur Castillo ppreżenta l-progamm tas-serata għal nhar is-Sibt 15 ta` Diċembru 2018 bejn is-6.00pm u d-9.00pm, li jammonta għas-somma ta` €750 (VAT inkluż).

56.12.2 Il-Kunsill approva l-programm u ġie deċiż li din is-serata ssir fil-pjazzetta fi Triq l-Għerusija. Il-Kunsill qabel li jekk ikun maltemp, l-attivita` ssir fis-Sala Aurora. Il-Kunsill approva wkoll li jinkera wkoll id-dawl għas-serata, kif ukoll ser jiġi pperparat u pprintjati *posters* tal-attivita`.

56.12.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-i*String Concert* mhux ser jiġi organizzat.

## 56.13 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

56.13.1 Tiżjin tal-Milied fi Triq l-Għerusija

Talba mingħand il-voluntiera ta` Triq l-Għerusija biex bħal kull sena l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tad-dawl tal-Milied fejn fi Triq l-Għerusija jsir it-tiżjin tal-Milied. Ġie nnutat li skond Ċirkulari 38/2016, il-Kunsill ma jistax jilqa` din it-talba. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li, jekk jaċċettaw, l-attivita` tiġi orġanizzata mill-Kunsill stess bil-kollaborazzjoni tal-voluntiera, biex din l-inizzjattiva li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar snin, ma tispiċċax.

56.13.2.1 Ilment fuq Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira

Residenta fi Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira qed tilmenta li qed iżomm l-ilma fl-isqaq, kull meta tagħmel ix-xita. Dan għaliex l-ilma m`għandux fejn jinżel ħlief li jgħaddi minn toqba għal ġo ġnien privat li hemm fl-istess sqaq.

56.13.2.2 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Perit fuq il-post bil-possibilta` li tiġi identifikata soluzzjoni għal din il-problema.

56.13.3 Ċirkulari AKL 2018/136 – Stedina mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għar-Riċeviment tal-Milied

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/136 – Stedina għar-Riċeviment tal-Milied mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

56.13.4 Ċirkulari Numru SPI 12/2018 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita` - Ħajja aħjar permezz ta` eżerċizzju fiżiku u *sports*

Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI 12/2018 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita` - Ħajja aħjar permezz ta` eżerċizzju fiżiku u *sports* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

56.13.5.1 *Three Villages Heritage Society*

Il-Kunsill qed jiġi nfurmat bl-intenzjoni li tiġi stabillita NGO relatata mat-*Three Villages Heritage* u għalhekk qed jintalab l-appoġġ tat-tliet Kunsilli involuti. Qed tintalab l-assistenza tal-Kunsill speċjalment fir-rigward li jiġi pprovdut post fejn jistgħu isiru l-laqgħat meta tiġi rreġistrata l-organizzazzjoni.

56.13.5.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħat jistgħu jittellgħu l-uffiċċju tal-Kunsill, bil-kundizzjoni li l-Kunsill ikun infumat minn qabel bil-ġranet u li l-laqgħat isiru fil-ħinijiet ta` l-uffiċċju.

56.13.6.1 Komunikazzjoni mill-Uffiċċju tal-President

Il-Fondazzjoni *Malta Community Chest Fund* ingħatat donazzjoni ta` numru sostanzjali ta` kotba bl-isem *'Encounters with Valletta'*. L-ispejjeż biex ġie ppreparat il-ktieb u l-istampar tħallsu mill-benefattur, sabiex il-qligħ mill-bejgħ imur kollu għal MCCF. Għalhekk qed jistaqsu lill-Kunsill, jekk hux interessat li jixtri l-imsemmi ktieb li qed jinbiegħ għal €80. Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtara ktieb u jiżdied mal-kotba li kienu nxtraw għal meta ssir il-librerija.

56.13.6.2 Qed jitolbu wkoll, l-għajnuna tal-Kunsill fil-bejgħ tal-ktieb tar-riċetti "Tisjir mill-Qalb". Il-Kunsill unanimament qabel li jgħin billi jbiegħ dawn il-kotba mill-uffiċċju.

56.13.7.1 Bankina mkissra quddiem 6/8, Triq Birbal

Qed issir referenza għal kurduna mkissra quddiem 6/8, Triq Birbal. Is-SE infurmat lill-Kunsill li dan l-ilment għadda għal attenzjoni ta` Transport Malta peress li t-triq hija arterja prinċipali u taqa` taħt ir-responsabbilta` tagħhom.

56.13.7.2 Transport Malta infurmawna li peress li l-ħsara hija minuri u din il-ħsara hija minħabba katusa ta` ilma tax-xita ta` residenza privata, din għandha tiġi msewwija mis-sid.

56.13.7.3 Il-Kunsill innota li jekk din il-ħsara tissewwa mill-Kunsill ser jinħoloq preċedent, għalhekk ser jiġi kkuntattjat is-sid biex jirranġa l-bankina mingħajr dewmien.

56.13.8.1 Ċirkulari AKL 2018/141 – Mezzi alternattivi ta` Trasport ġewwa l-lokalitajiet

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/141 – Mezzi alternattivi ta` Trasport ġewwa l-lokalitajiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

56.13.8.2 Il-Kunsill qabel li jirreġistra l-interess tiegħu mal-Assoċjazzjoni sabiex issir laqgħa mal-kumpanija għal aktar tagħrif.

56.13.9.1 Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2018

Is-SE infurmat li kien wasal iż-żmien biex tiġi deċiża d-data għall-laqgħa annwali tal-lokalita` 2018. Kien hemm

qbil li din il-laqgħa għandha ssir nhar l-Erbgħa 19 ta` Diċembru fis-6:00pm.

## 56.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

56.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 11/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €16,229.60c, li tinkludi l-ammont ta` €49.38c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta` Ottubru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

56.14.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

56.14.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* huwa mikri sa l-aħħar tas-sena. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jerġgħa jikri l-garaxx għal sitt (6) xhur oħra bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess rata ta` €150 fix-xahar.

## 56.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

56.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm.

56.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta` Diċembru 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 19 ta` Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |